

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/660**tal-15 ta' Mejju 2020****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 fir-rigward tal-kompatibbiltà elettromanjetika tal-kuntatturi u tal-istarters tal-muturi elettromeċċaniċi, tal-apparati tal-estinzjoni tal-ark, tal-bordijiet tad-distribuzzjoni maħsuba biex jiġihaddmu minn persuni ordinarji u tat-trakkijiet industrijali**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, it-tagħmir elettriku li jkun f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun preżunt li hu konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn daww l-istandards jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)7641 ⁽³⁾, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar u għar-reviżjoni ta' standards armonizzati għall-kompatibbiltà elettromanjetika b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE.
- (3) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandards armonizzati EN IEC 60947-4-1:2019 għall-kuntatturi u għall-istarters tal-muturi elettromeċċaniċi u EN IEC 60947-9-1:2019 għall-apparati tal-estinzjoni tal-ark.
- (4) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-Cenelec irrevdedew l-istandard armonizzat EN 12895:2015, u r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 12895:2015+A1:2019 għat-trakkijiet industrijali.
- (5) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u mas-Cenelec, ivvalutat jekk l-istandards armonizzati EN IEC 60947-4-1:2019, EN IEC 60947-9-1:2019 u EN 12895:2015+A1:2019 jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641.
- (6) L-istandards EN IEC 60947-4-1:2019, EN IEC 60947-9-1:2019 u EN 12895:2015+A1:2019 jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/30/UE. Għalhekk, jixraq li r-referenza għal daww l-istandards tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-immunità elettromanjetika tal-prodotti koperti bl-istandard armonizzat EN 55103-2:2009, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁵⁾, huma koperti wkoll bi standard armonizzat iktar reċenti, EN 55035:2017, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 ⁽⁶⁾. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandard armonizzat EN 55103-2:2009 jiġi rritat.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7641 tat-30 ta' Novembru 2016 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni fir-rigward tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-kompatibbiltà elettromanjetika.

⁽⁴⁾ ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 tal-5 ta' Awwissu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-kompatibbiltà elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, 6.8.2019, p. 27).

- (8) Is-CEN u s-Cenelec abbozzaw ir-rettifika EN 61439-3:2012/AC:2019-04 li tirrettifika l-istandard armonizzat EN 61439-3:2012, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* (?). Minħabba l-fatt li r-rettifika tintroduċi korrezzjonijiet tekniċi u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-istandard armonizzat EN 61439-3:2012, jixraq li r-referenza tal-istandard armonizzat tiġi ppubblikata flimkien mar-referenza tar-rettifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (9) Għalhekk, jeħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 55103-2:2009, EN 12895:2015 u EN 61439-3:2012, jiġu rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards armonizzati EN 55035:2017, EN 12895:2015+A1:2019, u EN 61439-3:2012 kif irrettifikat b'EN 61439-3:2012/AC:2019-04, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati EN 55103-2:2009, EN 12895:2015 u EN 61439-3:2012 jiġi ddifferit.
- (10) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/30/UE. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN IEC 60947-4-1:2019, EN IEC 60947-9-1:2019, EN 61439-3:2012 kif irrettifikat b'EN 61439-3:2012/AC:2019-04, u EN 12895:2015+A1:2019 jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326.
- (11) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE li huma rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 55103-2:2009, EN 12895:2015 u EN 61439-3:2012 jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 tiġi emendata skont dan.
- (13) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

(?) ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jiżdedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
“6.	EN IEC 60947-4-1:2019 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx — Parti 4-1: Kuntatturi u starters tal-muturi — Kuntatturi u starters tal-muturi elettromeġġanika
7.	EN IEC 60947-9-1:2019 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx — Parti 9-1: Sistemi attivi ta' mitigazzjoni ta' difetti tal-ark — Apparati tal-estinzjoni tal-ark
8.	EN 61439-3:2012 Assemblaġġi tal-iswitchgear u tal-controlgear ta' vultaġġ baxx — Parti 3: Bordijiet tad-distribuzzjoni maħsuba biex jitħaddmu minn persuni ordinarji (DBO) EN 61439-3:2012/AC:2019-04
9.	EN 12895:2015+A1:2019 Trakkijiet industrijali — Kompatibbiltà elettromanjetika”

ANNEX II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jiżdedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"4.	EN 55103-2:2009 Kompatibbiltà elettromanjetika — Standard tal-familja ta' prodotti għal apparat tal-awdjo, tal-vidjo, awdjoviżiv u tal-kontroll tat-tidwil għall-intratteniment għal użu professjonali — Parti 2: Immunità	It-18 ta' Novembru 2021
5.	EN 61439-3:2012 Assemblaġġi tal-iswitchgear u tal-controlgear ta' vultaġġ baxx — Parti 3: Bordijiet tad-distribuzzjoni maħsuba biex jitħaddmu minn persuni ordinarji (DBO)	It-18 ta' Novembru 2020
6.	EN 12895:2015 Trakkijiet industrijali — Kompatibbiltà elettromanjetika	It-18 ta' Novembru 2021"